# LECTIO DIVINA

# Id-Disgħa u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

**Mk 10, 35-43**

## Min Imexxi - Iservi

Alla tal-paċi u tal-maħfra, inti tajtna lil Kristu bħala mudell ta' qadi, sa ma ta ħajtu għalina. Agħtina li nsibu grazzja quddiemek sakemm nixorbu aħna wkoll mill-kalċi tar-rieda tiegħek sal-aħħar qatra u agħtina li ngħixu b'qalb ġeneruża s-servizz lejn l-ieħor.

35 Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, resqu lejh u qalulu: " Mgħallem, dak li se nitolbuk
irriduk tagħtihulna. 36 "Xi triduni nagħmlilkom?" staqsiehom. 37 U huma weġbuh:
"Ħallina noqgħodu wieħed fuq il-lemin tiegħek u l-ieħor fuq ix-xellug fil-glorja
tiegħek." 38 Imma Ġesù qalilhom, "Ma tafux x'intom titolbu. Għandkom ħila tixorbu
l-kalċi li se nixrob jien, u titgħammdu bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien?" 39
Għandna qalulu. Mbagħad qalilhom Ġesù: "Il-kalċi li se nixrob jien tixorbuh, iva, u
titgħammdu wkoll bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien; 40 imma li wieħed
joqgħod fuq il-lemin jew fuq ix-xellug tiegħi, din m'hijiex ħaġa tiegħi li nagħtiha jien,
imma hi għal dawk li għalihom kienet imħejjija".
41 L-għaxra l-oħra , meta semgħu dan, saħnu għal Ġakbu u għal Ġwanni. 42 Imma Ġesù
sejħilhom u qalilhom: "Tafu intom, dawk in-nies li l-bnedmin jgħodduhom bħala
kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom
fuqhom. 43 Fostkom ma għandux ikun hekk, imma min irid ikun kbir fostkom, għandu
jkun qaddej tagħkom.

**Kuntest Bibliku**

Dan l-episodju jiġi dritt wara t-tielet tħabbira tal-Passjoni (Mk 10:32-34). Bħalma jiġri fit-tħabbir tal-Passjoni, ir-reazzjoni tal-appostli mhi xejn pożittiva. Tnejn minnhom inkwetati dwar min se jkun l-ewwel fis-saltna. L-oħrajn jispiċċaw jgħiru għalihom. Dan kollu jurina li d-dixxipli ma setgħux iniżżluha li l-Messija kellu jgħaddi mit-tbatija, miċ-ċaħda u mill-passjoni. It-tnejn li qed jistaqsu – Ġakbu u Ġwanni – aħwa u parti mill-grupp tad-dixxipli ta' Ġesù (Mk1: 19-20). Il-laqam ulied ir-ragħad, *boaerges* (Mk 3:17).

**Mument ta' skiet**

Wieħed jista' jaqra – bil-qalb – u jagħraf fil-kliem il-preżenza ta' Kristu ħaj.

**Napprofondixxu**

"Agħtina li noqgħodu wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug fis-saltna tiegħek". Anke jekk qagħdu attenti kif ser ifasslu d-domanda, jidher ċar li kien hemm ambizzjoni skond it-tradizzjoni, setgħu kienu l-kuġini ta' Ġesù—u allura skond il-liġi kellhom ċertu dritt bħala membri tal-familja. Jidher ċar li dawn ma fehmu xejn f'dak li Ġesù kellu jwettaq. Ġesù kien fi triqtu lejn Ġerusalemm. Ġesù kien sejjer għas-salib, u xorta waħda kienu għadhom ma fehmuħx. Il-qawwa vera ta' Ġesù ma tikkonsistix fil-postijiet tal-unur, imma billi jitlobhom jieħdu sehem mid-destin tiegħu. **"Għandkom ħila tixorbu l-kalċi le se nixrob jien?" (Mk 10: 38).**

**"Għankom ħila li tixorbu l-kalċi li se nixrob jien? (Mk 10:38)**

Id-djalogu hu marbut mal-kalċi u mal-magħmudija, jimxu b'mod simili. Wieħed ma jistax jifhem kif iż-żewġ dixxipli jixorbu l-magħmudija u jiġu mgħammda, ġaladarba wieħed ma jaħsibx fil-martirju li 'l quddiem kellhom iġarrbu. B'dawn l-immaġini, Ġesù jġib quddiem għajnejh il-mewt vjolenti, li turi u tħabbar fedeltà sħiħa lejn il-Missier. Li jpoġġi ħdejh fuq il-lemin u fuq ix-xellug turi l-frustrazzjoni: aħna nifhmu li l-mod mhux l-aħjar triq sabiex taqtgħalhom ix-xewqa tagħhom.

**"L-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, saħnu għal Ġakbu u għal Ġwanni (Mk: 10:41)**

Jidher ċar li dawn kellhom l-istess ambizzjoni. Dan il-vers jidher li huwa xhieda li tgħaqqad iż-żewġ episodji flimkien. Dan jibdel kompletament is-suġġett. Il-fatt li evanġelista jitkellem mir-rabja tagħhom, jirrifletti fejn drabi oħra d-dixxipli jitlewmu bejniethom u din hija realtà.

**"…dawk in-nies li l-bnedmin jgħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom. Fostkom ma għandux ikun hekk…" (Mk 10:42-43)**

Ġesù qed jirreferi għall-kapijiet politiċi ta' żmienu: il-ħakma turi azzjoni tal-politiċi ta' kull żmien. "Fostkom m'għandux ikun hekk" għax fil-komunità tad-dixxipli għandu jkun hemm biss il-QADI. Ġesù l-ewwel jitkellem minn qaddej (*diakonos),* u aktar tard minn "ilsir" (doulos). Wieħed ma jistax jagħżel iservix jew le: wieħed ikun ilsir ta' kulħadd u allura jġib ta' taħt fuq il-mod kif tmexxi d-dinja.

**"Għax hekk ukoll, Bin il-Bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kota" (Mk 10: 48)**

Hawn insibu l-ordni f'kull komunità, Tkun dixxiplu tal-imgħallem, timitaħ, tfassal ħajtek fuq is-servizz u titgħallem minnu. Issir "mgħallem" tassew meta tagħti ħajtek. Dan nifhmuh biss fid-dawl ta' dak li għamel Ġesù fl-aħħar ċena. Ġesù jiċċaħħad mill-libertà tiegħu sabiex jagħmel liberu lil ħaddieħor. L-istatut li jfassal il-komunità tad-dixxipli hu karatterizzat mis-servizz, mhux bl-ambizzjoni, imma b'ħajja mogħtija għall-"fidwa" tal-oħrajn.

**Salm 33**

Talba tal-Egħluq

Mulej Alla , biegħed id-dixxipli ta' ibnek mill-popolarità, mill-glorja tad-dinja, u iftħilhom it-toroq lejn il-foqra u l-mistkerrħa tad-dinja sabiex fihom jaraw il-wiċċ tar-Redentur. Agħtihom l-għajnuna sabiex isibu t-toroq tal-Paċi u s-Solidarjetà. Agħtihom widnejn sabiex jisimgħu x-xewqa li l-bniedem ma jintilifx. Saffilhom qalbhom sabiex tkun qalb ġeneruża u jifhmu li l-glorja tgħaddi mis-salib ta' Krist Rxoxt. Li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen

## MEDITATIO

ATTITUDNI: **Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'**. Il-mistoqsija li tmexxina f'din it-tieni tarġa tal-*Lectio Divina* hi: **X'qiegħed jgħidli Alla permezz ta' dan it-test?**

- Għalfejn din l-ansjetà sabiex jieħdu l-ewwel post?

- Tagħmel sens ir-risposta li qed jagħti Kristu?
- X'jifhem Ġesù meta jgħid "kapaċi tixorbu l-kalċi li se nixrob jien u tirċievu l-magħmudija li se nirċievi jien"?
- Fuq hiex Ġesù jibni s-servizz fil-komunità?

**ORATIO**

ATTITUDNI: **Agħtini O Alla li nissieħeb fil-kalċi u fil-magħmudija tiegħek.**

Mistoqsija: **X'għandi nagħmel biex inkun nista' naqdi lil Alla u lil oħrajn b'qalb sinċiera.**

**CONTEMPLATIO**

ATTITUDNI: **"Għax sewwa hija l-kelma tal-Mulej, kollox bil-fedeltà għamel (Salm 33:4). Alla iridni naqdih fil-fedeltà.**

**ACTIO**

**Matul din il-ġimgħa nagħmel ġest ta' qadi lejn dawk l-aktar qrib tiegħi.**